MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru 645/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Younes Eyad Ali**
**Krayem Dania Ali**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Younes Eyad Ali ta’ sitta u tletin (36) sena, iben Ali u Miriam, imwieled Damascus, Syria, fis-27 ta’ Mejju 1978, ta’ Nazzjonalita’ Sirjana, residenti f’ indrizz mhux maghruf u detentur tan-Numru tal-Pulizija ta’ l-Immigrazzjoni 13V-015 u Krayem Dania Ali ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bint Ali u Dehla, imwielda Damascus, Syria, fl-4 ta’ Jannar 1987, ta’ Nazzjonalita’ Sirjana, residenti f’ indrizz mhux maghruf u detentrici tan-Numru tal-Pulizija ta’ l-Immigrazzjoni 13V-016, talli f’Jannar 2014 kif ukoll fix-xhur ta’ qabel u ta’ wara, f’dawn il-gzejjer imbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni ohra li l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg, u dan bi ksur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta’ dawn il-proceduri;

Rat illi z-zewg imputati entrambe ddikjaraw li ma ghandhox oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja w entrambe wiegbu li huma hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghhom;

Rat li l-imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jirrikonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati talli f'Jannar 2014 kif ukoll fix-xhur ta' qabel u ta' wara, f'dawn il-gzejjer imbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni ohra li l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg, u dan bi ksur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Entrambe l-imputati ddikjaraw li huma hatja ta' l-akkuza dedotta fil-konfront taghhom. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti issib lil kull wiehed miz-zewg imputati hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li wasslu lill-imputati biex iwettqu r-reat li qed jigu akkuzati bih u minnhom ammess, kif ukoll il-fatt li rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkoperaw mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lil kull wiehed miz-zewg imputati hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, tikkundanna lil kull wiehed miz-zewg imputati ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-terminu ta' prigunerija ghal kull wiehed miz-zewg imputati, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg imputati t-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija impost fuq kull wiehed minnhom ghal perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabilità taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommettu, matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------